**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 17 ta' Jannar 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 54**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 54 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
53.5 Rapporti;
53.6 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Impjegati tal-Kunsill Lokali;
53.7 Aġġornament dwar l-Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill Lokali;
53.8 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2017;
53.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;
53.10 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra sabiex tiġi installata ATM fil-Qrendi;
53.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
53.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-54 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

54.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

54.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

54.2.1 Il-Minuti tat-53 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mis-Sindku David Schembri.

54.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

54.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 54.3, 54.4 u 54.5 jiġu diskussi wara Minuta 54.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

54.6 **APPROVAZZJONI TAL-*PERFORMANCE BONUS* TAL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL LOKALI**

54.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħalma jsir kull sena, fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali għal dik is-sena partikolari, jitressqu quddiem il-Kunsill Lokali l-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill Lokali sabiex il-membri tal-Kunsill Lokali jiddeċiedu jekk japprovawx jew le li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-impjegati tal-Kunsill Lokali jingħataw il-*performance bonus* għas-sena 2016.

54.6.2 Hu ressaq il-*performance appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Prinċipal u l-Clerk tal-Kunsill Lokali.

54.6.3 Ippropona li l-impjegati tal-Kunsill Lokali jieħdu l-massimu tal-*performance bonus* li ħaqqhom għas-sena 2016.

54.6.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa issekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 54.7 AĠĠORNAMENT DWAR L-AMBAXXATUR/IĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦALL-KUNSILL LOKALI

54.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar laqgħa ġew proposti żewġ żgħażagħ li jistgħu iservu bħala ambaxxaturi taż-żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

54.7.2 Qal li fil-preżent qegħdin nistennew sabiex niltaqgħu magħhom flimkien, imbagħad il-Kunsill Lokali jkun jista' jiddeċiedi jekk jagħżilx lil xi ħadd partikolari minnhom, inkella jekk żagħżugħa minnhom tagħmilx sena waħda u ż-żagħżugħa l-oħra tagħmel is-sena li jkun imiss.

54.7.3 Kompla li din il-materja se tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss, meta jkollna xi ħaġa aktar konkreta f'idejna.

## 54.8 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2017

54.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Bord t'Aġġudikazzjoni ltaqa' u fil-fatt kien hemm persuna waħda li kienet nominata għal Ġieħ il-Qrendi 2017.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.8.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali, wara li nfetaħ l-envelopp tal-nomina, ivverifika flimkien mal-Bord t'Aġġudikazzjoni jekk l-applikazzjoni kienetx eliġibbli, u wara li dan kien konfermat il-Bord għadda sabiex jaġġudika din in-nomina.

54.8.1.2 Żied li l-Bord, wara votazzjoni sigrieta, ikkonferma din in-nomina bi 88.66%.

54.8.2 Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Bord t'Aġġudikazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali u ippropona li dan għandu jiġi aċċettat.

54.8.2.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia issekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

54.8.3 Is-Sindku qal li din is-sena pjuttost kellna 'twissija' li l-Kunsill Lokali jrid jaħseb għaliha qabel ma sseħħ.

54.8.3.1 Qal li f'din l-okkażjoni kellna biss nomina waħda, u allura jista' jagħti l-każ li fis-snin futuri jkollna sitwazzjonijiet fejn ħadd ma jiġi nominat, jew in-nominazzjoni sottomessa tkun invalida.

54.8.3.2 Żied li l-Kunsill Lokali jrid jilqa' għal sitwazzjoni simili qabel din isseħħ, u ippropona li jekk kemm-il darba tiġri din is-sitwazzjoni, il-Kunsill Lokali jkun jista' jieħu r-responsabilita' li jinnomina lil xi persuna hu għal Ġieħ il-Qrendi, imma din in-nomina xorta waħda trid tgħaddi mill-Bord t'Aġġudikazzjoni.

54.8.3.3 Is-Sindku ippropona li jekk kemm-il darba sakemm jagħlqu n-nomini għal Ġieħ il-Qrendi ma jiġi nominat ħadd, il-Kunsill Lokali jkun jista' jinnomina lil xi persuna hu stess.

54.8.3.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

54.8.4 Is-Sindku tkellem dwar is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi u qal li l-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi meta se jtella' din is-serata għaliex sirna nafu li s-Sibt 18 ta' Frar 2017 se ssir il-finali tal-*Malta Eurovision Song Contest*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.8.4.1 Qal li ma tantx ikun jagħmel sens li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi ssir fl-istess ġurnata tal-finali tal-*Malta Eurovision Song Contest* u dan minħabba li n-nies aktar jippreferu jaraw il-Eurovision u probabilment, kif jagħmlu kull sena, is-Soċjetajiet Mużikali jorganizzaw attivitajiet għalihom.

54.8.4.2 Għaldaqstant hu ippropona li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2017 issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar.

54.8.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia issekonda din il-proposta filwaqt li l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

54.8.5 Is-Sindku qal li Jum il-Qrendi se jiġi ċċelebrat kif kien propost minn qabel, jiġifieri l-Ħadd 19 ta' Frar 2017.

54.8.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Kunsill Lokali jrid jara xi programm se jfassal għas-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2017.

54.8.6.1 Is-Sindku wieġeb li fil-mument ikun aħjar jekk din il-materja nħalluha għal aktar tard.

## 54.9 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017</u>

54.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li d-data tal-Festival Agrarju tal-Patata hija ikkonfermata min-naħa tal-Kunsill Lokali, imma sallum il-ġurnata d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu ma ħariġx l-iskema tal-attivitajiet kulturali u allura għadna ma nafu xejn dwar il-finanzjament ta' dan il-Festival.

54.9.2 Qal li fil-preżent qegħdin nikkorrispondu mar-raħal ta' Comber fl-Irlanda ta' Fuq, u dan sabiex rappreżentanza min-naħa tagħna tattendi għall-Festival tal-Patata li jorganizzaw jew f'nofs Ġunju nkella fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Lulju.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.9.3 Spjega kif min-naħa tagħna se nkunu qegħdin inħallsu biss il-prezz tat-titjira, filwaqt li għall-akkomodazzjoni se jkunu qegħdin jieħdu ħsieb kollox huma.

54.9.4 Kompla li s'issa, fil-korrispondenza li kellu magħhom, stiednu lilu personali bħala Sindku, imma hu wera x-xewqa li ma jmurx waħdu, u allura ippropona lill-Kunsill Lokali sabiex xi ħadd ieħor jitla' miegħu għal din iż-żjara esploratorja.

54.9.5 Qal li f'dan il-każ, se jkun qiegħed jiċċekkja mal-persuna li qiegħed jikkorrispondi magħha, u jekk kemm-il darba dawn isibu oġġezzjoni minħabba l-akkomodazzjoni, ippropona li l-Kunsill Lokali jiffinanzja mhux biss it-titjira imma anke l-akkomodazzjoni tat-tieni persuna li titla' mill-Kunsill Lokali.

54.9.6 Spjega kif tkun ideali jekk kemm-il darba, bħala Kunsill Lokali Qrendi, nistednuhom sabiex jibagħtu rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tagħhom sabiex jattendu għall-Festival Agrarju tal-Patata 2017.

54.9.7 Fisser li bħala Kunsill Lokali kieku nistiednu żewġ persuni min-naħa tagħhom u nħallsulhom l-akkomodazzjoni filwaqt li l-ħlas tat-titjira jieħdu ħsiebu huma.

54.9.8 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd mill-Kunsill Lokali li jivvolontarja li jitla' miegħu l-Irlanda ta' Fuq, sabiex hemmhekk issir diskussjoni dwar il-possibilta' li ż-żewġt irħula jaħdmu flimkien fil-Festival rispettivi tagħhom, kif ukoll tibda tiġi esplorata l-possibilta' ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġt irħula.

54.9.8.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għandu jkun il-persuna li jassisti lis-Sindku f'din iż-żjara, u dan minħabba li huwa seta' jgħin lis-Sindku fl-aspetti kollha tal-Kunsill Lokali.

54.9.8.2 Għal din il-proposta s-Sindku reġa' għamel l-istedina lill-Kunsillieri kollha.

54.9.8.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa issekonda l-proposta tal-Kunsillier Daniel Farrugia u qal li wara din l-ewwel żjara esploratorja, il-Kunsill Lokali

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jkun jista' jara kif se jipproċedi f'dan ir-rigward.

54.9.8.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-proposta tal-Kunsillier Daniel Farrugia.

54.9.9 Il-Viċi Sindku tkellem dwar laqgħa li saret tas-sottokumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2017 u qal li f'din il-laqgħa ġew diskussi l-gruppi mużikali li jistgħu jinġiebu għal dan il-Festival.

54.9.10 Qal li filwaqt li rridu nżommu mal-istandard li lħaqna s-sena li għaddiet, din is-sena rridu nieħdu ħsieb ukoll il-baġit tal-Kunsill Lokali u dan sabiex ma nonfqux flus żejda.

54.9.11 Spjega kif bħala Kunsill Lokali rridu nieħdu *value for money*, u allura jista' jagħmel aktar sens li minflok inġibu grupp mużikali wieħed li jkun tajjeb ħafna u allura l-prezz tiegħu jkun xi ftit għoli, forsi nġibu żewġ jew tliet gruppi mużikali żgħar li jimlew aktar ħin matul dan il-Fesitval.

54.9.12 Il-Viċi Sindku spjega wkoll dwar il-*feature* li se jkunu qegħdin jaħdmu fuqu l-istudenti tal-MCAST, li se jkun jitratta l-kappelli tal-Qrendi u l-Knisja Parrokjali, u bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet sabiex isir dan il-*feature*.

54.9.13 Kompla li issa wasal iż-żmien li nkomplu b'aktar laqgħat, b'mod speċjali mal-importaturi u l-esportaturi tal-patata.

## 54.10 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA SABIEX TIĠI INSTALLATA ATM FIL-QRENDI

54.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali deher quddiem il-Bord tal-Awtorita' għall-Ippjanar dwar din il-kmajra tal-ATM, u l-Bord kien tal-fehma li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ma tkunx aċċettata fuq il-bażi li l-post propost mhuwiex l-aktar wieħed ideali minħabba li kienet ġejja wara l-Monument tal-Gwerra u fi *green area.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.10.2 Qal li wara din id-deċiżjoni, il-Kunsill Lokali beda jaħdem fuq applikazzjoni ġdida, bil-proposta li l-ATM tiġi aktar 'il ġewwa fi Triq Ġuże' Cassar, u għaldaqstant se jkollna aktar dewmien sabiex jibda l-bini ta' din il-kmajra.

54.10.3 Fisser li dan kollu se jsarraf fi stennija ta' madwar sitt xhur oħra, u nittamaw li din l-applikazzjoni issa tgħaddi mill-Bord tal-Awtorita' għall-Ippjanar.

54.10.4 Qal li l-bini ta' din il-kmajra mhuwiex se jiġi b'xejn, jiġifieri l-Kunsill Lokali se jkollu joħroġ ftit flus mhux ħażin sabiex din il-kmajra tinbena. Żied li mill-informazzjoni li għandu jidher li anke l-bieb tal-kmajra se jkun qiegħed jinġieb minn barra minn Malta minħabba s-sigurta' stretta li jrid ikun hemm f'din il-kmajra.

54.10.5 Is-Sindku sostna li bħala Kunsill Lokali rridu noqgħodu ħafn'attenti fl-infiq tal-flus, għax anke din il-kmajra, żgħira kemm hija żgħira, se tiġi tiswina ħafna flus.

54.10.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa min se jkun responsabbli għall-ATM ġaladarba tinbena l-kmajra.

54.10.6.1 Is-Sindku wieġeb li meta tinbena l-kmajra, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jgħaddiha lill-Bank BOV sabiex jamministraha l-istess Bank.

## 54.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

54.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar Ċirkulari AKL Ċirk 4/2017 – ***Group Health Insurance Policy 2017***.

54.3.1.1 Qal li din hija applikazzjoni li nimlew kull sena sabiex il-Kunsillieri kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill Lokali jkollhom polza tal-assikurazzjoni fejn tidħol saħħithom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.3.1.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali għandu jaħseb ukoll fil-ħaddiema anċillari li għandu assenjati miegħu, minħabba li dawn ikunu qegħdin jaħdmu fuq barra fuq xogħol tal-istess Kunsill Lokali u għaldaqstant huma wkoll għandhom ikunu koperti b'din il-polza t'assikurazzjoni.

54.3.1.3 Kompla, li filwaqt li l-ħlas għall-Kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill Lokali huwa dak ta' €45, għall-ħaddiema anċillari tal-Kunsill Lokali l-ħlas huwa ta' €39 kull persuna.

54.3.1.4 Is-Sindku ippropona li din il-polza tal-assikurazzjoni għandha tinkorpora lill-Kunsillieri, impjegati tal-Kunsill Lokali kif ukoll lill-ħaddiema anċillari.

54.3.1.5 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

54.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-immaniġġjar ta' traffiku fi Triq iż-Żurrieq u qal li l-Kunsill Lokali bagħat ittra lir-residenti kollha ta' din it-triq, biex l-ewwel nett jinfurmawna jekk jaqblux jew le li ssir *sleeping policeman* f'din it-triq, u jekk jaqblu fejn għandha ssir.

54.3.2.1 Spjega kif din l-ittra lir-residenti ntbagħtet wara li l-Kunsill Lokali, minħabba li kellu talba sabiex isir sinjal isfar faċċata ta' garaxx partikolari, neħħa l-parkeġġ ta' tliet (3) karozzi min-naħa ta' triq li kienu qegħdin joħolqu inkonvenjent fi Triq iż-Żurrieq, imma wara li dawn tneħħew kien hemm min ippropona li ssir *sleeping policeman* għax kien hemm allegazzjonijiet li żdied is-sewqan f'din it-triq.

54.3.2.2 Qal li wara li ntbagħtet l-ittra fid-djar, irċevejna lura tliet (3) e-mails fejn f'żewġ korrispondenzi l-persuni ma qablux li din għandha ssir, filwaqt li fl-e-mail l-oħra l-persuna qablet li din għandha ssir.

54.3.2.3 Irċevejna wkoll ittra bil-miktub fejn ir-residenti spejgaw kif f'din it-triq mhemmx għalfejn issir *sleeping policeman* u jekk kemm-il darba din issir m'għandhiex titpoġġa quddiem il-bieb tagħhom.

54.3.2.4 Barra minn hekk, kompla li kien hemm żewġ (2) persuni li ċemplu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex juru d-diżapprovazzjoni tagħhom li ssir l-i*sleeping policeman*, bl-argument li min iridha jagħmilha

quddiemu biebu.

54.3.2.5 Wara li nqraw l-e-mails mibgħuta s-Sindku qal li l-allegazzjonijiet li żdied is-sewqan f'din it-triq huma infondati u mhuwiex minnu li l-Kunsill Lokali jrid iżid is-sewqan fil-lokalita'.

54.3.2.6 Fisser kif ħadd mill-Kunsillieri mhuwa mħallas mill-fondi pubbliċi u kulma jieħdu hija *allowance*, kif ukoll l-onorarja ta' Sindku mhijiex xi waħda eċċessiva kif prova jallega l-interpellant li bagħat l-e-mail.

54.3.2.7 Żied li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien trasparenti sa mill-bidu fuq dan is-suġġett, u jidher li għax ikkonsultajna mal-pubbliku spiċċajna qlajniha xorta.

54.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-*Collective Memory Archives* u qal li dan il-proġett pilota issa ġie fi tmiemu u l-Kunsill Lokali lesta x-xogħol kollu li kellu jagħmel.

54.3.3.1 Spjega kif b'kollox, matul dan il-proġett pilota, saru intervisti ma' tmin persuni differenti u dawn l-intervisti ġew rekordjati b'mod viżiv u miżmuma.

54.3.3.2 Qal li sfortunatament, wieħed mill-persuni li kellu jiġi intervistat spiċċa ħalliena ġimgħa qabel ma' kellha ssirlu l-intervista, u hawnhekk is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri sellmu l-memorja ta' Nicholas Aquilina, li kien l-ewwel Sindku tal-Qrendi.

54.3.3.3 Żied li minflok Nicholas Aquilina, imbagħad il-Kunsill Lokali stieden lis-Sa. Marisa Brincat, li kienet l-ewwel Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali sabiex tiġi intervistatha dwar il-bidu tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

54.3.3.4 Kompla li fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu wkoll talba mill-Universita' ta' Malta sabiex inkunu nistgħu nagħmlu xi proġett simili bħal dan magħhom.

54.3.3.5 Qal li għalissa għadna qegħdin niddiskutu l-affarijiet, u ġaladarba jkollna xi ħaġa konkreta f'idejna, se jkun qiegħed jinforma lill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Future of Our Past* u qal li saret laqgħa fejn kienu mistiedna l-partners kollha li suppost għandhom jieħdu sehem f'dan il-proġett, imma konna aħna biss li attendejna.

54.3.4.1 Qal li matul din il-laqgħa sirna nafu li sfortunatament l-applikazzjoni ta' dan il-proġett mietet fuq ruħ ommha u allura spiċċa kollox.

54.3.4.2 Żied li għalkemm jidher li dwar dan il-proġett spiċċa kollox, xorta waħda tkellmu dwar l-idea ta' *scattered hotel*, kunċett fejn persuni jkunu qegħdin joqgħodu f'residenzi differenti fl-istess lokal, imma kollox ikun qiegħed jiġi amministrat minn post/residenza waħda.

54.3.4.3 Fisser kif bħala lokalita' jidher li għadna ma wasalniex li nidħlu għal xi ħaġa simili, u allura din l-idea għalissa jkollna nħalluha ftit fil-ġenb.

54.3.5 Is-Sindku tkellem dwar inizjattiva li mistennija toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin li se tkun qiegħda tgħin l-aspett agrikolu, fejn jidher li se tkun qiegħda tingħata attenzjoni speċjali lill-ħitan tas-sejjieħ.

54.3.5.1 Qal li barra l-ħitan tas-sejjieħ, jidher li se jkun hemm fondi għall-ġwiebi u żrieragħ agrikoli.

54.3..5.2 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex meta tiġi varata din l-iskema jitkellemu mal-bdiewa sabiex anke huma jkunu jistgħu jibbenefikaw.

54.3.6 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema "Irrestawra Darek," u qal li bħala skema ġiet varata ħażin, tant li l-Kunsilli Lokali għadhom fl-għama dwar din l-iskema.

54.3.6.1 Qal li din l-iskema qiegħda tagħti l-għajnuna s'€10,000 għal min jixtieq jirrestawra l-faċċata li tkun waħda antika, kif ukoll għajnuna sa €100,000 għal min ikun se jirranġa dar skedata.

54.3.6.2 Fisser kif f'din l-iskema hemm il-ħsieb li min irid l-għajnuna jitkellem mal-Kunsill Lokali sabiex l-istess Kunsill Lokali jipprovdi s-servizz ta' perizija, imbagħad il-Kunsill Lokali jieħu s-somma ta' €500 għal kull applikazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.3.6.3 Qal li din l-iskema kif qiegħda maħduma tista' ġġib lill-Kunsill Lokali f'pożizzjoni imbarazzanti minħabba li jrid jara liema Perit se jqabbad, minħabba li ma jistax ikun il-Perit tal-Kunsill Lokali, kif ukoll hemm probabilta' kbira li l-ispejjeż jitilgħu aktar minn €500 u allura l-Kunsill Lokali jispiċċa jeħel aktar spejjeż minn dawk li jiġbor.

54.3.6.4 Spjega kif għalissa l-Kunsill Lokali tal-Qrendi tkellem mal-Awtorita' għall-Ippjanar, fejn dawn tawna struzzjonijiet li kulmin ikellimna dwar din l-Iskema ngħaddulu n-numru tat-telefon tagħhom sabiex jikkuntattjaw lilhom.

54.3.7 Is-Sindku tkellem dwar it-truppa Ċiniża li se ttellgħa spettaklu ta' sbuħija u d-dixxiplina fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, għada t-Tlieta 24 ta' Jannar 2017.

54.3.7.1 Qal li l-ispettaklu se jkun qiegħed jibda fis-7pm u għal din l-attivita' ma nħarġu l-ebda inviti mill-Kunsill Lokali.

54.3.7.2 Fisser kif kull persuna li se tattendi se tkun qiegħda tagħti donazzjoni ta' €1 sabiex din tingħadda liċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

54.3.7.3 Spjega kif id-dawl u s-sound diġa' ġew armati għall-ispettaklu tal-għada, u dawn ħadu ħsiebhom is-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna, fejn se jkunu qegħdin jitħallsu €100 kull Soċjeta'.

54.3.7.4 Barra minn hekk kompla li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jieħu ħsieb li joffri xi *refreshments* matul il-ġurnata lil din it-truppa Ċiniża.

54.3.7.5 Qal li d-Direttur taċ-*China Cultural Centre* se jkun qiegħed jonorana bil-preżenza tiegħu matul dan l-ispettaklu.

54.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid u qal li fil-preżent għandna l-applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita' għall-Ippjanar għax qegħdin nistennew il-konferma tagħhom li t-tibdiliet li għamilna fil-*playing field* ta' Ġnien Nicolo' Communet jiġu aċċettati.

54.3.8.1 Qal li wara li jkollna din il-konferma se nkunu qegħdin nippubblikaw it-tenders sabiex inkunu nistgħu mmexxu bil-proċess tal-bini ta' dan iċ-Ċentru ġdid.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 54.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

54.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa dwar talba minn persuna partikolari li toqgħod fi Triq San Nikola li din qiegħda titlob li ssirilha kaxxa biż-żebgħa safra quddiem ir-residenza tagħha.

54.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li din il-persuna diġa' ġiet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, biss il-Kunsill Lokali għandu bżonn talba bil-miktub mingħandha u għal-liema raġunijiet trid din il-kaxxa biż-żebgħa safra quddiem il-bieb ta' barra, sabiex inkunu nistgħu ngħadduha lil Transport Malta.

54.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa meta se jsir il-*patching* f'diversi toroq rurali madwar il-lokalita'.

54.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li diġa' tkellimna mal-kuntrattur u x-xogħol għandu jinbeda dalwaqt, imma s'issa għadna qed nistennew li t-temp jisbiħ xi ftit.

54.4.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li ġiet avviċinata minn xi residenti li joqgħodu Triq il-Pirinej fejn dawn qegħdin jitolbu li jsir *double yellow line* f'kantuniera ma' Triq Santa Bernardetta minħabba li qiegħed ikun hemm il-karozzi ipparkjati u qiegħed ikollhom joħorġu ħafna 'l barra bil-vettura tagħhom u jista' jiġi ikkawżat xi inċident.

54.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li l-aħjar ħaġa tkun jekk dawn ir-residenti jibagħtu t-talba tagħhom permezz t'ittra jew t'e-mail, fejn jinkludu anke r-ritratti fejn qegħdin jipproponu li jsiru s-sinjali sofor, sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jifhem eżatt għal fejn qegħdin jirreferu.

54.4.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jaqla' kritika fuq Triq iċ-Ċimiterju minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha din it-triq.

54.4.4.1 Qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi jerġa' jagħmel kuntatt uffiċjali mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq sabiex naraw meta din it-triq se tiġi rranġatha.

54.4.4.2 Is-Sindku wieġeb li din il-materja diġa' tkellimnieha mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, fejn saħansitra offrejna li noħorġu nofs l-ispejjeż, imma bqajna ma sibniex koperazzjoni mill-Kunsill Lokali ġar tagħna.

## 54.5 **<u>RAPPORTI</u>**

54.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jorganizza l-ewwel ħarġa kulturali u edukattiva għas-sena 2017, fejn se jsir *Buffet Breakfast* f'lukanda ewlenija f'pajjiżna.

## 54.11 **<u>KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>**

54.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €66,681.98 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/17 u €94.50 skont il-*Petty Cash* Ref T/12.

54.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

54.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.20.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 54.21 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

54.21.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |